**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**ONOR. MAĠISTRAT LARA LANFRANCO MA Law (Melit), B.A., LL.D.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Kontra**

**Ionut Cezar Marin**

Illum l-24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Ionut Cezar Marin, ta' tnejn u erbgħin (42) sena, ġenituri mhux magħrufa, imwieled Bukarest, ir-Rumanija, nhar is-sittax (16) ta' Jannar tal-elf disa' mija wieħed u tmenin (1981), residenti ġewwa 'Leonardo', Triq ta' Bieb it-Torri, Msida, Malta, u detentur tal-karta tal-identità Rumena bin-numru '976241' u permess tar-residenza Maltija bin-numru '0127645A'** illi tressaq taħt arrest nhar l-24 ta' Ottubru 2023 f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkużat talli, matul il-lejl ta' bejn is-sittax (16) t'Ottubru 2023 u s-sbatax (17) t'Ottubru 2023, ġewwa Triq Nazzjonali, il-Furjana:

1) Xjentement, jew b'negliġenza, nuqqas ta' ħila jew t'osservanza ta' regolamenti, ikkaġuna dannu lil, jew qered, proprjetà kulturali, sew jekk tali proprjetà kulturali tkun sew jekk ma tkunx reġistrata f'xi inventarju skont l-Att Dwar il-Patrimonju Kulturali (Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta), u cioè 'Portes des Bombes' li jinsab ġewwa Triq Nazzjonali, il-Furjana u dan bi ksur tal-Artikolu 70(1)(a) tal-Kapitlu 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi din l-Onorabbli Qorti ġentilment intalbet, sabiex f'każ illi tinstab ħtija tapplika dak disposta taħt l-Artikoli 70(2) u 70(3) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta) kif ukoll l-artikoli 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Rat d-dokumenti kollha eżebiti mill-prosekuzzjoni matul il-preżentata ta' din il-kawża.

Semgħet lill-uffiċjal prosekutur u r-rappreżentant tal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali jikkonfermaw bil-ġurament l-akkuża kif miġjuba quddiem din il-Qorti.

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat fejn ġie ordnat li dawn il-proċeduri jistemgħu quddiem din il-Qorti permezz ta' proċeduri sommarji skond id-dettami tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u fejn konsegwentement din il-Qorti saqsiet lill-imputat jekk kellux oġġezzjoni li l-kawża in mertu tinstema sommarjament.

Semgħet lill-imputat jiddikjara bl-assistenza ta' interpreti li ġew debitament maħtura f'din il-kawża illi hu ma kienx qed joġġezzjona li din il-kawża tinstema b'mod sommarju fejn konsegwentement din il-Qorti kkonvertiet ruħha f'Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

Semgħet illi wara li din il-Qort saqsiet lill-imputat ai termini tal-artikolu 392(1)(b) Tal-Kapitolu 9 x'iwieġeb għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu bl-assistenza tal-interpretu debitament maħtur minn din il-Qorti wara li ngħatat il-ġurament tal-ħatra, Ionut Cezar Marin irreġistra ammissjoni quddiem din il-Qorti kif ippreseduta fejn wara li din il-Qorti spjegat ir-riperkussjonijiet ta' din l-ammissjoni u wara li tat wkoll żmien xieraq sabiex jirrikonsidra din l-ammissjoni, hu tenna l-istess.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet għal dak li jirrigwarda l-piena idoneja fil-konfront tal-imputat.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni magħmula mill-akkużat seduta stante liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-ġdid minnu matul l-istess seduta, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra għajr li ssibu ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom.

Għal dak li jirrigwarda l-piena konċernanti l-akkużat, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura u l-gravita' tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu kif ukoll iċ-ċirkostanzi tal-każ.

**Decide:**

Għal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 70(1)(a), 70(2) u 70(3) tal-Kapitolu 445 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

**Qed issib illi imputat Ionut Cezar Marin ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' sitt elef Euro (€6000) pagabbli b'rati mensili fl-ammont ta' €167 fix-xahar u liema multa għandha titħallas sa mhux aktar**

tard minn tlett snin millum biċ-ċirkostanzi ravviżati fl-artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fin-nuqqas ta' pagament kif dettat.

In oltre il-Qorti qegħda tikkundanna lill-imputat għal sentejn priġunerija liema perijodu, wara li din il-Qorti rat l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ser ikunu sospiżi għal erba' snin millum.

Finalment wara li din il-Qorti rat l-artikoli 70(2) u 70(3) tal-Kapitolu 445 kif ukoll l-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tobbliga lill-imputat iħallas is-somma ta' sebat mitt u desgħin Euro (€790) lis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali sa mhux aktar tard minn ġimgħa millum, liema Sovrintendenza ikollha s-setgħa li tikseb lura dak il-ħlas permezz ta' kawża ċivili kontra l-ħati jew l-eredi tiegħu jekk jibqa' inadempjenti fil-ħlas.

Għal dak li jirrigwarda l-ispejjez taħt l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ma jidhirx mill-atti proċesswali illi sa dan l-istadju tal-proċeduri kien hemm xi spejjez minn dawn li għandhom jitħallsu u għaldaqstant dawn mhux ser jiġu ordnati fil-konfront tal-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-ħati bl-assistenza tal-interpreti maħtura u aċċertat ruħha illi l-imputat fehem l-import tal-piena fuqu u r-riperkussjonijiet jekk hu jonqos milli josserva l-istess.

**DR. LARA LANFRANCO**

**Maġistrat** **Deputat Reġistratur**